**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 5/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carlos Javier Nuno Morales**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Carlos Javier Nuno Morales, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 82017A(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-sena 2023 u fis-snin ta' qabel naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposta fuqa mill-Qorti ta' Malta li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8 u 579(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u kkundannatu

għal sena priġunerija effettiva kif ukoll ordnat ir-ri-arrest tal-imputat kif ukoll ordnat li s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Carlos Javier Nuno Morales, ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li zzomm ferm ir-ri-arrest tiegħu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar id-19 ta' April 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju uniku fejn huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat u irraġjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha. Huwa jisħaq li l-prosekuzzjoni ma ezebiet l-ebda dokument li juri li hu kien effettivament reġa' għamel depożitu ta' flus bħala garanzija għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest wara s-7 ta' Jannar 2016 u li ffirma dokumenti relattivi. *In oltre*, jisħaq li lanqas ma ġie pprezentat l-ebda dokument li jikkonferma r-rilaxx tiegħu. Fl-aħħarnett, mingħajr preġudizzju għal dan l-aggravju, l-appellant jisħaq li l-Pulizija naqset milli tressaq evidenza li toħloq ness bejn in-nuqqas ta' tħaris tal-kundizzjonijiet u l-appellant.

Illi, l-appellant kien mixli u misjub ħati mill-Ewwel Qorti illi fis-sena 2023 u fis-snin ta' qabel kiser il-kundizzjonijiet marbutin mal-ħelsien mill-arrest imposti mill-qorti, bl-imputazzjoni madanakollu ma tindikax liema digriet tal-ħelsien mill-arrest huwa naqas milli jottempera ruħu miegħu. Minn eżami akkurat tal-atti jirriżultaw filfatt is-segwenti fatti probatorji–

- Nhar il-5 t'Awwissu 2015, l-appellant kien ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Antonio Mizzi u dana taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrapporta kuljum fl-għassa tal-pulizija ta' Buġibba bejn it-8:00a.m. u it-8:00p.m. L-appellant bħala garanzija kellu ukoll jiddepożita fir-reġistru tal-Qorti s-somma ta' €1,500 oltre garanzija personali ta' €10,000. Huwa nkontestat illi l-appellant fil-fatt iddepożita fil-Qorti s-somma ta' €1500 u dan kif jixhed id-dokument eżebit a fol.16 tal-atti
- Permezz ta' rikors datat it-28 ta' Ottubru 2015, l-appellant talab li jerġa' jiġi arrestat u sabiex jiżbanka d-depożitu mħallas minnu. Tali talba kienet milqugħa mill-Qorti Kriminali nhar it-2 ta' Novembru 2015. *In oltre*, nhar is-6 ta' Novembru 2015, il-Qorti Kriminali awtorizzat lill-appellant sabiex jieħu lura d-depozitu ta' €1,500, liema depozitu ġie filfatt zbankat, u dan kif jixhdu id-dokumenti eżebiti a fols.16 sa 25 tal-atti.
- Nhar l-4 ta' Jannar 2016, l-appellant ressaq talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja sabiex jerġa' jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest[1].
- Nhar is-7 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Maġistrati iddeċidiet li "**Tilqa' it-talba kontenuta fir-rikors, u dan bil-kundizzjonijiet kollha identiċi għal dawk li kienu ġew imposti fuq l-imputat meta oriġinarjament ġie mogħti l-liberta' provvisorja**"[2].

Illi, għaldaqstant jirriżulta illi bid-digriet tas-07 ta' Jannar 2016 l-appellant kien konċess il-ħelsien mill-arrest mill-ġdid bl-istess kondizzjonijiet li kienu fuqu imposti fid-digriet tal-Qorti Kriminali tal-05 ta' Awwissu 2015. Jirriżulta ukoll mix-xhieda ta'l-Ispettur Gabriel Micallef, PC 8 Tyson Bugeja Marslon, kif ukoll mix-xhieda ta' PS 1010 Andrea Zahra illi l-appellant ma nstabx Malta u finalment irriżulta illi huwa kien telaq minn Malta u kellu jinġieb lura minn Spanja nhar il-15 ta' Diċembru 2023 bis-saħħa ta' Mandat t'Arrest Ewropew. Madanakollu l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali hemm is-segwenti evidenza nieqsa:

[1] Dokumenti eżebiti a fols.26 et seq.
[2] Dokumenti eżebiti a fols.29 u 30 tal-atti

i) Hija l-ewwel u qabel kollox nieqsa il-prova illi l-appellant iffirma id-digriet tal-ħelsien mill-arrest li kien konċess mill-Qorti Istruttorja fis-07 ta' Jannar 2016.

ii) Kif inhi nieqsa il-prova ukoll, għalhekk, illi l-appellant effettivament għamel id-depożitu ta' €1500 mill-ġdid u allura jekk, kif jikkontendi, huwa qatt ma għamel dan id-depożitu kwindi ma seta qatt iġawdi mill-ħelsien mill-arrest mill-ġdid, iżda kellu jibqa' detentut taħt arrest preventiv sakemm isir tali depożitu. Għal xi raġuni li ma toħroġx mill-atti, iżda, l-appellant kien rilaxxat mill-ħabs tant illi abskonda.

iii) Hija nieqsa il-kopja tal-Mandat t' Arrest Ewropew u allura r-raġuni 'il għala huwa inġib lura Malta, bir-*rule of speciality* jipprekludi illi meta jasal Malta l-estradant, kontra tiegħu jittieħdu proċeduri kriminali oħra li mhux indikati fl-imsemmi mandat.

iv) Hija nieqsa estratt tal-*bail book* li tindika li huwa ma kienx qed jirrapporta l-għassa tal-pulizija u minn meta dan in-nuqqas beda jkun riskontrat, u allura meta effettivament huwa abskonda mill-pajjiz.

Illi, f'dan l-istadju, il-Qorti tfakkar fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jiġi mfakkar ukoll kif huwa obbligu legali li l-Prosekuzzjoni ġġib 'il quddiem il-provi kollha abbażi tal-*best evidence rule*, ħaġa li ċertament f'dawn il-proċeduri ma saritx. Fuq kollox il-Prosekuzzjoni kien jenħtigielha tipprova illi meta l-appellant inġieb lura Malta in forza ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, hija kellha s-setgħa fit-termini tal-imsemmi mandat li tipproċedi kontra l-appellant ukoll fuq ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali.

Paragrafu 27(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew jipprovdi:-

> *"2. Except in the cases referred to in paragraphs 1 and 3, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for*

*an offence committed prior to his or her surrender other than that for which he or she was surrendered."*

**"29. Ir-*rule of speciality* għandha l-għan li tipproteġi lill-persuna li ġiet estradita sabiex ma tiffaċċax prosekuzzjoni jew li jkollha tiskonta sentenza fir-rigward ta' fatti kommessi qabel l-estradizzjoni, ħlief għal dawk li dwarhom saret l-estradizzjoni:**

***"In general, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to the surrender other than that for which the person was surrendered. This is the rule of speciality, set out in Article 27 of the Framework Decision on EAW".*[3]**

Nieqsa din il-prova, kwindi l-Ewwel Qorti ma setatx tgħaddi sabiex tikkundanna lill-appellant għal piena restrittiva ta' liberta' qabel ma tivverifika jekk ir-raġuni li wassal lill-awtoritajiet Spanjoli jibagħtu lill-appellant lura Malta kenitx ukoll sabiex isseħħ il-prosekuzzjoni tar-reat maħsub fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali billi jekk tagħmel dan, tista' isseħħ vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-appellant. Dan apparti il-fatt illi jekk, kif jikkontendi l-appellant, huwa qatt ma għamel id-depożitu tal-€1500 mill-ġdid, kif kien obbligat li jagħmel skont id-digriet tal-Qorti Istruttorja tas-07 ta' Jannar 2016 meta huwa kien konċess il-ħelsien mill-arrest mill-ġdid, l-appellant fil-verita' qatt ma seta' igawdi minn dan il-jedd u kellu jibqa' miżmum taħt arrest preventiv, sabiex b'hekk ir-raġuni li waslitu sabiex huwa jitlaq minn Malta meta suppost kien għadu miżmumn inkarċerat tiżfuġġi kompletament lil din il-Qorti. Dawn in-nuqqasijiet kbar fl-evidenza ikkumpilata ma jistgħux ħlief iwasslu għal liberatorja u allura l-Ewwel Qorti erronjament għaddiet sabiex issib il-ħtija.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant Carlos Javier Nuno Morales. Tgħaddi għalhekk sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**Edwina Grima**

---

[3] QK – Patrick Spiteri vs l-Avukat Ġenerali et. Rks. Nru.67/19 deċiża 20/07/2020

**Imħallef**